MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 84/2014

**I.G. Enterprises Limited (C-18849) u**
**Zammit Ivan (ID479166-M)**

**vs**

**Radoslav Fournadjiev**
**(ID21055-A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi flimkien u solidalment bejnithom jaghmlu referenza ghal kuntratt ta' kirja ta' vettura Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni FQZ-482 datata 23 ta' Marzu, 2013 lill-konvenut Fournadjiev Rodoslav, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21055A u li huwa residenti gewwa Flat 5B, St Martin's Court, Triq tal-Kubrit, Gzira; Illi

kienet saret ittra ufficjali fil-konfront tal-konvenut datata l-01 ta’ Ottubru, 2013 kif ukoll kwerela tal-10 ta’ Settembru, 2013 fejn giet annessa kopja tal-kuntratt tal-kiri tal-vettura; Illi f’Dicembru, 2013 il-konvenut kien resaq u hallas parti mill-ammont dovut wara li kien ircieva twissija mill-Pulizija; Illi minn dak inhar il-konvenut ma ghamilx pagament iehor u kemm il-darba l-kuntratt tal-kirja skada l-kwerelat Fournadjiev ghadu ma rritornax il-vettura minkejja d-diversi interpellanzi bil-fomm tas-Socjeta’ kwerelanti; Illi l-konvenut huwa issa moruz fil-konfront tas-socjeta’ attrici ghall-ammont ta’ elfejn, hames mija u tmin ewro (€2,508) eskluzi l-ammont dovut ghal hsara kagunata f’incident stradali riferenzjata fl-ittra ufficjali liema incident sehh nhar l-20 ta’ Gunju, 2013 li l-prezz tat-tiswijiet taghha ghada trid tigi kkalkolata la darba tigi ritornata l-vettura u tkun tista’ ssir il-verifika mehtiega.

Ghaldaqstant l-Onorabbli Tribunal qieghed jintalab:

1. Jiddikjara il-kuntratt tal-kiri bejn il-kontendenti tal-vettura FQZ 482 xolt mid-data tas-sentenza;
2. Jordna il-konvenut jirritorna l-vettura premessa lill-atturi, minnufih;
3. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn hames mija u tmien Ewro (€2,508) rapprezentanti bilanc tal-kera tal-vettura dovuta;
4. Jillikwida d-danni kkagunati lill-vettura unikament kagun it-tort tal-konvenut, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
5. Jikkundanna lill-konvenut ghal hlas tas-somma tad-danni hekk likwidati a tenur tar-raba’ talba.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-01 ta’ Ottubru, 2013 u l-imghax legali kollha kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames talbiet tal-atturi kif jirrizultaw mill-Avviz tat-Talba, stante illi dawn jezorbitaw il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, qed jilqa' limitatament it-tielet talba u ghalhekk qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, hames mija u tmin ewro (€2,508), bl-imghax mid-data tal-prezenti. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------